95B
119B
120B
121B
122B
123B
124B
125B
126B
127B
128B
129B
130B
131B

067



SALESIAN THEATRE

- SLIEMA -

SCRIPT No. 174.

Dini ie coppja hie
Corretta fotografitur
Galea Carmelo

# HARBITLI L-MARA

JEW

# Il-MARA TIEGHI

Sketch f'att Wiehed,

Maqlub ghall-Malti minn Carmelo Galea, S.D.B.

## PERSONAGGI

Komiku u Spalla.

## XENA

Kamra kwalinkwe f-belt kwalinkwe fi zmenijietna.

Spal (Agitat, ma jafx fejn jaghti rasu, jigri minn banda ghall-ohra u jitkellem wahdu; kultant jieqaf f'daqqa. Ix-xena kollha tiehu xghira tragika). Imsejken jiena!...f'liema stat terribli ninsab. Kollu htija ta' dik il-qalb hazina ta' mara tieghi! Harbitli mid-dar, marret ghand ommha u hallietli tmien t-itfal ma' wicci, wiehed minnhom ghadu jghix bil-gazaza. Dizgrazzjata! Thallini hekk minnghajr ma tavzani u anqas tiktibli ittra, minnghajr ma tghidli ghaliex. Pero jiena naf ghaliex: ghax tobghod ir-riha tas-sigarri. Sigarri nfernali! Jiena imsejken, issa kif sejjer naghmel b'dawn it-tfal kollha ma wicci?! U t-tisjir tal-kcina u l-hasil tal-hwejjeg?...Issa qed nara x'tiswa l-mara fid-dar...(F'daqqa) Pero irrid nivvendika ruhi! Nivvendika ruhi jekk naf li nitlef sieq wahda! Irrid naraha ddisprata u fgata fid-duhhan tas-sigarri tieghi! Nibda mpejjep hamsin sigarru kuljum, mija u anke mitejn. (Ihabbat fuq il-mejda) Stubita! Idiota!

Komi (Jidhol, isellem b'rasu donnu wiehed iblah) Sejjahtli Kommendatur?

Spal (Furjuz) Inti xi trid? Tigix tiksirli rasi int ukoll!! Ma tafx xi grali? (Kwazi jibki) Hallietli tmien t-itfal.... tmienja....kolla fuqi...

Komi (Jghaddi gewwa) Qed narak jien....mela, appuntu,...... tidher miskin....

Spal X'inti tara?

Komi Qed narak ftit imdellek u b'certa fwieha ta' pergamatto. (Isodd imniehru b'subghajh) Tridx immur inlestilek il-banju?

Spal Kif? Il-banju lili?!

Komi Il.....Il-banju iva u ftit sapunina.

Spal Tridx tmur ghand ix-xjaten.

Komi Mela halli mmur ghand ix-xjaten.

Spal (Izommu) Ieqaf hemm. Mur gibli.....

Komi Is-sapunina?

Spal Is-sapunina...u le x'sapunina ta' l-Egittu! Gibli...gibli il...va....vas.....

Spal Iva, mela x'inhu, dik il-mishuta ta' mara tieghi imkien ma marret hlief ghand ommha f'Ruma. Nafha bizzejjed lil mara tieghi, kull darba li titlef il-pacenzja tmur ghand ommha. Hemmhekk , hemmhekk sejjer, gewwa Ruma....... (Jieqaf f'daqqa quddiem il-pubbliku irrabjat.) Nitlaq ghal Ruma ma l-ewwel tren illi nsib. Malli nasal hemm nibda nfittixa, f'kull dar, ghand niesa, f'kull lukanda, kullumkien. Behsiebni naqleb il-lukandi ta' ~~runa~~ Ruma ta' taht fuq, u miskin hu min jehel ma rasi! Meta mbaghad taqa' taht idejja......

Komi (Jidhol bi ktieb u pistola f'idu) L-orarju u il-pistola.

Spal L-Aurerju. Cioe gib l'hawn u jekk inti mignun mur ikkura ruhek ta' frankuni, fimt?

Komi Iva sinjur, arani sejjer.

Spal Ghidtlek gib l'hawn dik il-pistola. (Jiehu l-pistola u jitfaghha fil-but) Isa tini dak il-ktieb ta' l-orarju.

Komi Hux dan sinjur onororju? Cioe onorevoli....

Spal Isa malajr, ghati daqqa ta' ghajn inti meta jitilqu it-treni ghal Ruma....

Komi Ghal Ruma?...Ghal Ruma? (Jaqleb il-folji) Ancona, Aquila, Bergamo...

Spal Malajr, donnok xahmet l-art.

Komi Cagliari, Enna, Genova....

Spal Ruma! Ruma ghidtlek.

Komi Lecce, nofs in-nhar u 33 minuta, fl-erbgha u 46 minuta.

Spal Ruma ja kelb! Sejjer ittellifni il-ferrovia!

Komi Milan fis-sitta u 48 minuta: fid-disgha u 55 minuta.

Spal (Inkurlat minghajr hniena) Ruma.a..a.a..a..a Stubitu!!!

Komi Madena, Venezia, Torinu....

Spal Imma le, Ruma.

Komi Iva Ruma sinjur. U Ruma mhix xi bettieha biex issibha hekk malajr.

Spal Sewwa nghidlek jien, illi int marid bl-iskutella ta' rasek.

Komi Mhux bl-iskutella Onorevoli, bil-kuccarina.

Spal Sejjer ittellifni l-isbah okkazzjoni.

Komi Liema hija din l-isbah okkazzjoni?

Spal Li noqtol il-mara tieghi!

Komi Ommi x'wahda din, xi dnub!

Spal Fittex Ruma, xitan ta' l-infern!

Komi Hekku. Partenza ghal Ruma: fis-sitta u 15 il-minuta, fl-ghaxra u 22 minuta, f'nofs il-lejl, u fl-erbgha ta' wara nofs il-lejl.

Spal Hekku, dak jghodd ghalija: l-erbgha ta' wara nofs il-lejl. (Ihares lejn l-arlogg) Jonqsu 10 minuti. Igri, haffef, gibli xi haga x'niekol. Ara ssibx xi haga lesta fil-kcina, imma malajr, bla ma titlef minuta zmien.

Komi Kommendatur, fil-kcina l-mara ma halliet xejn hlief xi ftit insalata.

Spal Insalata biss? Tajjeb, gib insalata; jekk niekol xi ftit haxix insir aktar krudil, aktar kuragguz. Imma igri! Kif il-mnieghel naqbad infehmek? Sejjer ittellifni....l-isbah okkazzjoni.....

Komi Li toqtol il-mara....arani sejjer. (Jitlaq jigri) Imsejkna sinjura Lucia.

Spal (Jorok idejh bhal min rebah xi vittorja; f'ghajnejh tidher il-malizia kolla). Oh! Jekk jirnexxili nsibha nispicca bi tragedja li tibqa tissemma! Iva, jekk taqa' taht idejja noqtolha. (Johrog il-pistola) Kolp b'din il-pistola jkun bizzejjed......(Huwa u jipprova biex jispara tehodlu il-pistola f'idhu, bil-qata' jhalli l-pistola taqghalu fl-art, jghajjat ghajta u jintefa qiesu mejjet fuq pultruna).

Komi (Jidhol jigri) Kommendatur! X'inhu li gralek? (Jara l-pistola fl-art, jghaddilu dubju) Oh! Imsejken! Qatel ruhu b'idejh! Ma felahx izjed ghal inkwiet u spara ghal rasu. Cioe' jiena ma nafx jekk sparax ghal rasu jew ghal x'imkien iehor....(Imisslu gbinu) Hu x'inhu mejjet!.. (Jisforza biex jiftahlu halqu) L-ilsien tal-qanpiena waqaf...x'wahda din! Xi hsieb fatali!! Jekk m'ghandhomx iwahhlu fija li qtiltu jien! (Jibda jibki u jghajjat kemm jiflah) Dawlaqt nahbih x'imkien....u jekk isibuh mhux aktar intaqqal il-htija? (Jibki u jghajjat).

Spal (Iqum bil-wieqfa bhal molla) Stubitu!

Komi (Maqtugh) Oh! Oh! Oh!

Spal Ghalfejn dan l-ghajjat kollu?

Komi Kont qed nibkik, Kommendatur!

Spal Kont rieqed u qajjimtni.

Komi Kemm torqod ikrah sinjur! Emminni li bezzajtni!...

Spal (Jorok ghajnejh) Hawn fejn ninsab? Oh! Imsejken jiena! Tlift rasi ghal kollox.

Komi Imma ghidli Kommendatur, ferejt ruhek gravi? M'intix mejjet hux veru?

Spal Ghal grazzja tas-sema ma jienx mejjet.

Komi Ma tridx ingiblek xi haga hux?

Spal Xejn, xejn. Mur poggi f'postha dik l-arma fatali!

Komi Iva...iva....mela le. (Xena komika u jimmutettja sakemm jarfa l-arma, ghax jibza illi tiehu f'idhu).

Spal Qed tibza hux? (Imur jipprova jerfaghha hu, u jibza aktar mill-Komiku. Xena a soggetto komiku).

Komi (Sa fl-ahhar jaqbad il-pistola b'zewg tiswaba bhal min jaqbad niskata tabakk u jibqa diehel biha gewwa).

Spal — Dan kien jonqos biex aktar jistirawli n-nervi!.. Forsi ahjar bqajt mejjet. Imma le. Ikrah wisq tmut minghajr ma jkollok qassis mieghek. (Ihoss ruhu ghajjien, imur joqghod bil-qeda ma genb il-mejda li tkun tinsab f'nofs il-palk, imidd rasu fuq idejh u jibqa hekk ghax-xena kolla li gejja).

Komi — (Jidhol b'dish mimli bl-insalata. Tista tkun kwalinkwe haxix ahdar) Hekku Kommendatur, gibtlek l-insalata.

Spal — Bravu! Dur, dur...

Komi — (Jibda jdur mal-kamra)

Spal — Ghidtlek dur ftit.....

Komi — (Jissokta jdur mal-kamra)

Spal — U le! Ghidtlek dur~~ftit~~ ftit l-hawn halli nghidlek kelma.

Komi — Uf uf uf! Sinjur kif qlajtli qalbi! (Imur ma genb Spalla) Ghal kmandi tieghek.

Spal — Itla'.......

Komi — (Jitla fuq siggu)

Spal — Ghidtlek itla'......

Komi — (Jitla fuq il-mejda)

Spal — U le! Le! Itla fuq u gibli l-kaxxetta tas-sigarri. U taghmilx hoss biex ma tqajjimx lit-tfal, ftakar li huma tmienja.....

Komi — Halli f'idejja, jekk xi hadd minnhom iqum, naghtih il-gazaza. (Jitlaq)

Spal — Zomm ~~ftit~~ ftit. Gibli wkoll ftit kafe.

Komi — Dawlaqt tarani hawn. (Jitlaq)

Spal — Forsi jirnexxili niehu ftit tan-nifs.....(Iqum u jersaq lejn il-proxeniku) Jinhtieg inhaffef ftit, inkella nitlef il-ferrovia ghal Ruma.....(Ihares lejn l-arlogg) Jonqsu seba' minuti biss. Hemm tajjeb illi l-istazzjon ~~kien~~ huwa vicin. Hekk kif nasal Ruma naf jien x'ghandi naghmel.....jekk insib lil mara tieghi behsiebni nghallimha l-edukazzjoni. Thallini wahdi ma tmien t-itfal. (Jahseb) Halli nerga nara ftit: bil-pistola le....il-pistola tista tkun perikoluza. Hsibta! Edea merviljuza! (Johrog bhal stallett irqiq mill-but) Noqtolha b'dan l-istallett! Iva, mela deciz! (Jahseb) U jekk ifallili? Jekk meta nigi biex naghtiha d-daqqa idi tirtoghod? (Jarmi l-istallett) Le, le, stallett xejn. Tinhtieg arma ohra infallibbli li tolqot zgur. Iva, l-arma tkun din (Johrog qartas ckejken mill-but) Dan huwa velenu qawwi. Dan kien merfugh ghal kunjata tieghi. Dan zgur illi ma jfallix, u anke facli biex tippreparah. F'dan il-kaz jinhtieg li wiehed jahdem b'rasu biex ma jinqabadx. Naghmel hekk: malli niltaqa mal-mara nilqaghha bid-dahka fuq fommi, imbaghad nistidinha biex nidhlu f'hanut, nordna tnejn kafe', wiehed ghal mara u l-iehor ghalija, naljenha ftit, u hekk kif iddawwar wiccha nitfaghla il-velenu fil-kafe. Hiha tixorbu, u wara hames minuti tistira ruhha bhal aringa profumata. (Jidhak satanikament.) Oh! Oh! Dak il-hin ikun l-isbah mument tal-hajja tieghi!

Komi (Jidhol ihawwad il-kafe li gib f'gabarre', flimkien mal-kaxxetta tas-sigarri) Hawn il-kafe, Sur Kommendatur.

Spal (Jibqa jitkellem wahdu mal pubbliku) U allura bil-hena f'qalbi nibda nghidilha, ixrob, ixrob.......

Komi (Wahdu) Lili qed jghid?

Spal (Dejjem lejn il-pubbliku) Iva ixrob, qed nghidlek ixrob....

Komi La qed jghidli nixrob, nixrob. (Jixrob f'daqqa l-kafe u jismot ilsienu).

Spal (Dejjem ipingi li ghandu l-mara quddiemu) Ixrob! Jaghmillek tajjeb. Ixrob sal-qiegh.........

Komi (Ilaqqat il-kikkra tal-kafe) Ukoll iz-zokkor laqqatt......

Spal Brava, tajjeb.....(Jidhak) U issa hallini nghidlek illi dak il-kafe kien ivvalenat! Ha! Ha! Ha!

Komi (Imwerwer) Ghajjut! ghajjut! Tradiment!!! Il-kommendatur ivvalenani! (Jitghawweg)

Spal Imma kemm int injorant! Jiena kont qed nghid ghal mara tieghi!

Komi EH! Eh! Eh! Ghal mara tieghek!

Spal Ma tafx illi harbitli l-mara?! (Dahka generali fit-tul)

(Taghlaq malajr il-Purtiera).

TMIEM TA' SKETCH